Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, is-7 ta' Novembru 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Andy Rotin)**

**Versus**

**Tyrone Curmi**
**(379298M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Tyrone Curmi** detentur tal-Karta tal-Identita Maltija numru **379298M,** residenti gewwa, 12, flat 5, Triq il-Konservatorju, il-Floriana.

Fejn huwa akkuzat talli fil-gurnata tal-hamsa (5) ta' Marzu 2022 ghal habta tal-ghaxra u kwart ta' filghaxija 10:15hrs u/jew fil-hinijiet qabel gewwa Triq Dicembru Tlettax, Marsa u/jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer;

1. Attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku u cioe' kontra PS 312 Joseph Sultana, PC 535 Kurt Zammit u PC 61 Larken Lia waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' Ordni mghotija skont il-Ligi mill-Awtorita' kompetenti;

2. Ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita jew ta' wiehed li kien inkarigat minn servizz pubbliku;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostazi ghamel uzu minn vettura bil-mutur tal-ghamla Toyota Vitz bin-numru tar-registrazzjoni FCH-796 minghajr ma kien kopert b'polza tal-assigurazzjoni dwar r-riskju ta' terzi;

4. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, saq vettura bil-mutur tal-ghamla Toyota Vitz bin-numru tar-registrazzjoni FCH-796 b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni jew b'mod perikoluz;

5. Aktar talli wkoll saq il-vettura bil-mutur tal-ghamla Toyota bin-numri tar-registrazzjoni FCH-796 minghajr ma kellha licenzja valida;

6. Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq l-imsemmija vettura b'velocita eccessiva;

7. U aktar talli ma kellux licenzja mahruga fir-rigward tal-vettura bil-mutur tal-ghamla Toyota Vitz bin-numru tar-registrazzjoni FCH-796 mwahhla man-nahha tax-xellug tal-imsemmija vettura;

8. Ukoll talli sar recediv b'diversi sentenzi tal-Qorti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kollha migjuba kontrih fis-seduta tad-19 ta' Settembru 2022.

Semghat it-trattazjoni tal-partijiet rigward il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lil imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat Artikolu 7, 49, 50, 96(a), 289 u 338(ee) tal-Kapitolu 9, Artikolu 3(1)(2)(a) tal-Kapitolu 104, Artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65, Artikolu 127 ta' L.S. 65.11, Artikolu 13 Taqsima III ta' L.S. 368.02, Artikolu 17(1)(2)(a) Taqsima III u 44 Taqsima IX ta' L.S. 368.02, u Artikolu 127 ta' L.S. 65.11 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lil imputat **hati** ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih, u tordna li ai termini ta' **Artikolu 7 tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat jitqieghed taht **Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin millum**, b'dan illi qegħda tordna li l-ħati **Tyrone Curmi** jitqiegħed taħt is-sorveljanza t'Uffiċjal tal-Probation indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, liema ordnijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha. Illi wkoll il-Qorti ai termini ta' **l-Artikolu 15(3) tal-Kapitolu 65** tal-Ligijiet ta' Malta **qed tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenza tas-sewqan ghal-zmien ta' tmien (8) t'ijiem millum.**

Ai termini ta' l-**Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti fissret lil hati **Tyrone Curmi** bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-Ordni ta' Probation u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza, u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet, u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-Ordni ta' Probation, jista' jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b'din is-sentenza.

Ai termini ta' l-**Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-Ordni ta' Probation moghtija b'Digriet ta' llum stess, ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja Ufficjal tal-Probation illi jkun responsabbli ghas-sorveljanza tal-hati. L-Uffiċjal sorveljanti assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull **sitt (6) xhur.**

In oltre ai termini ta' l-**Artikolu 412C tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti qed torbot lil hati **Tyrone Curmi** b'**Ordni ta' Protezzjoni** ghal zmien **tlett (3) snin** millum, ghall-protezzjoni ta' **PS312 Joseph Sultana, PC 535 Kurt Zammit u PC61 Larken Lia.** Il-Qorti fissret lil hati bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-Ordni ta' Protezzjoni u tal-kundizzjonijiet

kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Illi wkoll il-Qorti qed taghti garanzija fil-konfront tal-*parte civile*, **PS312 Joseph Sultana, PC 535 Kurt Zammit u PC61 Larken Lia ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,** u qeda torbot lil hati **Tyrone Curmi** b'garanzija personali ta' **elfejn Euro (€2,000) ghal zmien sena mill-llum** u dan billi ma' jimmolestax, ma' jddejjaqx u ma' jingurjax lil *parte civile* **PS312 Joseph Sultana, PC 535 Kurt Zammit u PC61 Larken Lia.**

Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lil hati u x'jigri jekk huwa ma joqghodx ghall-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Probation u/jew l-Ordni ta' Protezzjoni u/jew il-Garanzija Personali, jew jekk jikkommetti reat iehor fi zmien **tlett (3) snin** millum.

Illi fil-kaz odjern ma' gewx mahtura esperti u ghalhekk m'hemmx spejjez x'jithallsu mill-imputat f'dan ir-rigward.

Tordna notifika ta' din is-sentenza u d-digrieti annessi lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation and Parole u lil Kummissarju tal-Pulizija.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
Magistrat